L-ENERĠIJA NUKLEARI

Din l-iskeda informattiva tispjega l-politika tal-UE dwar l-enerġija nukleari, inkluż il-bażi legali, l-objettivi u l-qafas regolatorju tagħha skont it-Trattat Euratom u leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE. Tiddeskrivi l-qafas tal-UE għall-enerġija nukleari, li għandu l-għeruq tiegħu fit-Trattat Euratom u li ġie żviluppat permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE. Tenfasizza wkoll ir-rwol tal-Parlament Ewropew fit-tfassil tal-politika tal-enerġija nukleari tal-UE.

IL-BAŻI LEGALI

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Trattat Euratom) jipprovdi l-qafas legali għas-settur nukleari ċivili tal-UE. Skont l-Artikolu 2, l-UE għandha l-kompitu li tippromwovi r-riċerka, tistabbilixxi standards uniformi ta' sikurezza, tiffaċilita l-investiment, tiżgura provvista regolari u ġusta ta' minerali u fjuwils nukleari, tapplika salvagwardji biex tipprevjeni l-użu ħażin ta' materjali nukleari, tiġġestixxi l-materjali fissili, toħloq suq komuni għas-suq nukleari, u tiżviluppa relazzjonijiet ma' pajjiżi mhux tal-UE u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Id-dispożizzjonijiet ewlenin koperti f'din l-iskeda informattiva jinkludu:

— l-Artikoli 4 sa 11 dwar il-promozzjoni tar-riċerka;

— l-Artikoli 30 sa 39 dwar is-saħħa u s-sikurezza;

— l-Artikoli 40 sa 52 dwar l-investiment, l-impriżi konġunti u l-provvisti;

— l-Artikoli 77 sa 85 dwar is-salvagwardji;

— l-Artikoli 92 sa 99 dwar is-suq komuni nukleari;

— l-Artikoli 101 sa 106 dwar l-azzjonijiet esterni.

Fl-istess ħin, l-enerġija nukleari tagħmel parti mill-politika tal-enerġija tal-UE skont l-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jgħid li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk jinkludux l-enerġija nukleari fit-taħlita ta' enerġija tagħhom.

L-OBJETTIVI

Il-politika tal-UE dwar l-enerġija nukleari għandha erba' għanijiet:

— li jiġu żgurati standards għoljin ta' sikurezza nukleari u protezzjoni mir-radjazzjoni;

— li tiġi żgurata l-ġestjoni sikura tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, filwaqt li jiġu pprovduti salvagwardji effettivi għall-materjali u l-installazzjonijiet nukleari;

— li jiġi pprovdut qafas għar-riċerka, l-investiment u l-provvisti għall-Istati Membri li jagħżlu li jużaw l-enerġija nukleari;

— li jiġu żviluppati relazzjonijiet ma' pajjiżi mhux tal-UE u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali b'appoġġ għall-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari, is-sikurezza nukleari u l-provvista sigura tal-enerġija.

KIF JAĦDEM IL-QAFAS TAL-UE GĦALL-ENERĠIJA NUKLEARI?

A. Is-sikurezza nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni

Il-qafas tal-UE għall-enerġija nukleari għandu l-għan li jiżgura livell għoli ta' sikurezza nukleari u protezzjoni mir-radjazzjoni sabiex jipproteġi lin-nies u lill-ambjent. Skont dan il-qafas, il-pajjiżi tal-UE jeħtieġ li jkollhom oqfsa nazzjonali dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza, il-liċenzjar, is-superviżjoni u l-infurzar. Wara l-aċċident ta' Fukushima fl-2011, l-UE saħħet l-istandards tas-sikurezza nukleari tagħha billi rrinfurzat l-indipendenza tar-regolaturi nazzjonali, żiedet it-trasparenza u l-parteċipazzjoni pubblika, talbet rieżamijiet perjodiċi tas-sikurezza u awtovalutazzjonijiet nazzjonali mill-anqas kull 10 snin, u introduċiet rieżamijiet kull 6 snin.

Skont it-Trattat Euratom, il-politika tal-UE dwar is-sikurezza nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni hija implimentata permezz tal-atti leġiżlattivi li ġejjin:

— id-direttiva li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti (id-Direttiva 2013/59/Euratom);

— id-direttiva tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (id-Direttiva 2013/51/Euratom);

— ir-regolament li jistabbilixxi livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika (ir-Regolament (Euratom) 2016/52).

It-Trattat Euratom jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jżommu faċilitajiet għall-monitoraġġ kontinwu tar-radjuattività fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija. Qabel ma jawtorizzaw pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv, l-Istati Membri jeħtiġilhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe impatt radjoloġiku potenzjali fuq il-pajjiżi ġirien. Il-Kummissjoni mbagħad tevalwa l-pjanijiet tagħhom u toħroġ opinjoni.

B. L-iskart, it-trasport, id-dekummissjonar u s-salvagwardji fir-rigward tal-materjali nukleari

Id-Direttiva dwar l-Iskart Radjuattiv (id-Direttiva 2011/70/Euratom) tistabbilixxi l-qafas tal-UE għall-ġestjoni responsabbli u sikura tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv. Skont id-direttiva, l-Istati Membri jeħtiġilhom jistabbilixxu programmi u politiki nazzjonali komprensivi li jkopru kull tip ta' fjuwil użat u skart radjuattiv, u jindirizzaw l-istadji kollha tal-ġestjoni, mill-ġenerazzjoni sar-rimi.

Biex jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont, l-Istati Membri jeħtiġilhom jippreżentaw rapporti nazzjonali dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva kull tliet snin. Abbażi ta' dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni tfassal rapport ta' implimentazzjoni u inventarju tal-iskart radjuattiv u tal-fjuwil użat fl-UE, kif ukoll stimi tal-kwantitajiet futuri.

Id-Direttiva dwar il-Vjeġġi (id-Direttiva 2006/117/Euratom) tistabbilixxi r-regoli għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-moviment transkonfinali tal-iskart radjuattiv u tal-fjuwil użat, sabiex jiġi żgurat li l-pubbliku jkun protett b'mod adegwat.

Id-dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari huwa primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Ir-regolamenti li ġejjin stabbilew programmi finanzjarji speċifiċi biex

jappoġġjaw id-dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari u għall-ġestjoni tal-iskart radjuattiv tal-impjanti tal-enerġija nukleari fil-Bulgarija (Kozloduy), fis-Slovakkja (Bohunice) u fil-Litwanja (Ignalina):

— ir-regolament li jistabbilixxi programm finanzjarju speċifiku għad-dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv (ir-Regolament (Euratom) 2021/100) (il-Bulgarija u s-Slovakkja);

— ir-regolament li jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja (ir-Regolament (UE) 2021/101) (il-Litwanja).

Il-programm finanzjarju stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/100 jkopri wkoll l-installazzjonijiet nukleari taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni.

Skont ir-Regolament dwar l-applikazzjoni ta' salvagwardji tal-Euratom (ir-Regolament (Euratom) 2025/974), il-Kummissjoni applikat salvagwardji tul iċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari ċivili sabiex jiġi żgurat li l-materjali nukleari jintużaw biss għall-iskopijiet iddikjarati u f'konformità mal-obbligi internazzjonali.

C. Ir-riċerka, l-investiment u l-provvisti

It-Trattat Euratom jirrikjedi li l-UE tippromwovi r-riċerka fil-qasam nukleari.

Fil-prattika, ir-riċerka nukleari fl-UE hija ffinanzjata permezz tal-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Euratom, li huwa l-istrument ewlieni tal-UE għall-avvanz tar-riċerka ewlenija dwar is-sikurezza, l-innovazzjoni u t-taħriġ fit-teknoloġiji nukleari.

Il-Programm Euratom jikkomplementa l-programm ta' riċerka Orizzont Ewropa, għad li jibqa' separat minnu, anke minħabba l-iskedi ta' żmien differenti taż-żewġ programmi.

Il-programm Euratom 2021-2025 kellu baġit ta' EUR 1.38 biljun, maqsum f'EUR 583 miljun għar-riċerka u l-iżvilupp tal-fużjoni, EUR 266 miljun għall-fissjoni nukleari, is-sikurezza u l-protezzjoni mir-radjazzjoni, u EUR 532 miljun għal azzjonijiet diretti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni.

Il-programm ta' ħidma tal-Euratom 2026-2027, estensjoni tal-programm Euratom 2021-2025 adottat fid-19 ta' Marzu 2026, għandu baġit ta' EUR 330 miljun, li minnhom, EUR 222 miljun huma allokati għar-riċerka dwar il-fużjoni u EUR 108 miljun għall-fissjoni nukleari, is-sikurezza l-protezzjoni mir-radjazzjoni.

It-Trattat Euratom jirrikjedi wkoll li l-UE tiffaċilita l-investiment fit-taħriġ u r-riċerka nukleari. Skont l-Artikolu 40 tat-Trattat, il-Kummissjoni tippubblika rapport dwar il-programm indikattiv nukleari dwar il-ħtiġijiet tal-investiment fis-settur. It-tmien programm nukleari illustrattiv jistma ħtiġijiet ta' investiment ta' madwar EUR 241 biljun sal-2050 għall-estensjoni tat-tul tal-ħajja tar-reatturi eżistenti u l-bini ta' reatturi ġodda fuq skala kbira.

It-Trattat Euratom jirrikjedi wkoll li l-UE tiżgura provvista regolari u ġusta ta' minerali u fjuwils nukleari, abbażi tal-prinċipju ta' aċċess ugwali għas-sorsi ta' provvista. L-Aġenzija Fornitriċi tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tiżvolġi rwol ċentrali f'din is-sistema, u tiżgura li l-utenti fil-Komunità jirċievu provvista regolari u ġusta ta' materjali nukleari.

F'Marzu 2026, il-Kummissjoni adottat l-istrateġija tal-UE dwar l-iżvilupp u l-użu ta' reatturi modulari żgħar u reatturi modulari avvanzati. L-istrateġija tistabbilixxi disa' azzjonijiet immirati biex jiżguraw li l-ewwel proġetti ta' reatturi modulari żgħar (SMR) isiru operattivi fl-Ewropa sal-bidu tas-snin 2030, u l-kapaċità tal-SMR hija mistennija tilħaq bejn 17 GW u 53 GW sal-2050.

D. Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi l-oħra u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali

It-Trattat Euratom jiddedika kapitolu sħiħ għar-relazzjonijiet esterni. Skont l-Artikolu 101, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tista' tikkonkludi ftehimiet jew kuntratti ma' pajjiżi mhux tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali jew ċittadini ta' pajjiżi mhux tal-UE. L-Artikoli 102 u 103 jipprevedu l-koordinazzjoni mal-Istati Membri meta l-ftehimiet nazzjonali jirrigwardaw kwistjonijiet koperti mit-Trattat.

L-UE tippromwovi s-sikurezza nukleari u l-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari permezz ta' kooperazzjoni bilaterali u multilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE u kooperazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjoni internazzjonali bħall-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika u mal-Aġenzija tal-Enerġija Nukleari tal-OECD.

Id-dimensjoni esterna tal-UE tas-sikurezza nukleari tal-UE hija msaħħa permezz tal-Istrument Ewropew għall-Kooperazzjoni Internazzjonali għas-Sikurezza Nukleari, stabbilit permezz tar-regolament dwar Strument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari (ir-Regolament (Euratom) 2021/948). L-istrument attwali japplika għas-snin 2021-2027, għandu baġit ta' EUR 300 miljun, u jappoġġja s-sikurezza nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni u s-salvagwardji f'pajjiżi mhux tal-UE.

Il-ftehim Euratom-Renju Unit dwar il-kooperazzjoni dwar l-użu sigur u paċifiku tal-enerġija nukleari jippermetti l-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit dwar il-provvista u t-trasferiment tal-materjal, it-teknoloġija u t-tagħmir nukleari, iċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari, il-ġestjoni sikura tal-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv, is-sikurezza nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni, u l-iskambju ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza.

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Skont it-Trattat Euratom, il-Parlament jiżvolġi biss rwol konsultattiv, u ma jaġixxix bħala koleġiżlatur (proċedura leġiżlattiva speċjali).

Minkejja dan, saħaq b'mod konsistenti fuq qafas tal-UE aktar sod fir-rigward tas-sikurezza nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, il-ġestjoni tal-iskart u s-salvagwardji ambjentali. B'mod ripetut ikkontesta l-limiti tar-rwol istituzzjonali tiegħu. Pereżempju, fir-riżoluzzjoni dwar il-proposta dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi standards bażiċi tas-sikurezza kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzantital-2013, il-Parlament fittex li jibdel il-bażi legali mit-Trattat Euratom għall-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li kieku jippermetti li l-proposta titressaq skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, filwaqt li l-Parlament ikollu setgħat koleġiżlattivi sħaħ flimkien mal-Kunsill.

Wara d-diżastru ta' Fukushima, il-Parlament ħadem għal testijiet tal-istress aktar stretti, kriterji tas-sikurezza usa' u l-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri ta' titjib li jirriżultaw.

Aktar reċentement, iffoka fuq ir-rwol strateġiku usa' tal-enerġija nukleari, inkluż id-dipendenza tal-UE fuq provvisti nukleari Russi, it-trattament skont l-att delegat dwar it-tassonomija tal-UE, u l-iżvilupp ta' reatturi modulari żgħar.

Interventi reċenti ewlenin jinkludu:

— ir-riżoluzzjoni dwar erba' snin ta' gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-kontributi Ewropej għal paċi ġusta u sigurtà sostnuta għall-Ukrajna ta' Frar 2026, li fiha l-Parlament ħeġġeġ lill-Kummissjoni taċċellera t-tmiem gradwali tas-sorsi tal-enerġiji Russi, inkluż l-uranju, l-uranju arrikkit, u servizzi u fjuwils nukleari;

— ir-riżoluzzjoni dwar s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-UE ta' Lulju 2025, li fiha l-Parlament saħaq li l-iżvilupp tal-enerġija nukleari jeħtieġ jibqa' prerogattiva nazzjonali fi ħdan il-qafas tal-liġi tal-UE, u esprimiet tħassib li l-preżenza kontinwa tal-fjuwil nukleari Russu fis-suq tal-UE, u appellat għal sigurtà u awtonomija akbar tal-provvista tal-fjuwil nukleari,

— ir-riżoluzzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa ta' Ġunju 2025, li fiha l-Parlament irrikonoxxa li l-enerġija rinnovabbli, flimkien mal-enerġija nukleari għal dawk l-Istati Membri li jiddeċiedu li jużawha, hija essenzjali għal taħlita tal-enerġija nadifa u sikura, u stieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp u l-produzzjoni sikuri ta' reatturi modulari żgħar fl-Ewropa u biex tavvanza r-riċerka dwar il-fużjoni nukleari.

Din l-iskeda informattiva hija mħejjija mid-Dipartiment Tematiku għat-Trasformazzjoni, l-Innovazzjoni u s-Saħħa tal-Parlament Ewropew. Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, żur is-sit web tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija.

Matias Kambic / Matteo Ciucci
04/2026